**24 ta' April, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A. V. Camilleri, LL.D., B.Litt.**

Tabib Dottor Joseph Ellul ne.

*versus*

Joseph G. Coleiro

*L-Art. 928 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jagħtix fakulta li l-Qorti tinnomina kuraturi ta' eredita ġaċenti in ġenerali iżda hi biss mogħtija lill-Qorti l-fakulta li tinnomina kuraturi biex jikkontestaw kawża fl-interess ta' persuni inċerti jew futuri imsejħa għall-eredita ġaċenti. Oltre dan biex taħt din id-disposizzjoni jistgħu jiġu nominati kuraturi jeħtieġ illi ġaċenti ma tkunx ġa skond il-liġi rappresentata minn xi ħadd ieħor.*

*Il-fakulta tan-nomina ta' kuraturi in ġenerali għall-eredita ġaċenti hi invece mogħtija bl-art. 944 Kodiċi Ċivili.*

## NOMINA TA' KURATURI TA' EREDITA ĠAĊENTI — ARTIKOLU 928, KODIĊI TAL-PROĊEDURA — ARTIKOLU 927, 944 KODIĊI ĊIVILI.

Il-Qorti :— Rat is-sentenza tagħha ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar, 1964 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullita tal-petizzjoni opposta mill-appellat. F'dik is-sentenza hemm is-solitu rijassunt taċ-ċitazzjoni ta' l-attur, issa appellant, u ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, issa appellat. kif ukoll tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Trattat issa l-meritu l-Qorti ikkunsidrat:—

Il-fatti rilevanti tal-kawża huma kjarament esposti fis-sentenza appellata u jistgħu jiġu rikapitolati hekk:—

B'ċitazzjoni Nru. 1051 ta' l-1961 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha, Joseph Coleiro, issa appellat, ħarrek lit-Tabib Dr. Joseph Ellul "bħala leġittimu rappresentant ta' uliedu minuri Mariella u John aħwa Ellul fil-kwalita tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju ta' l-inventarju ta' ommhom Mary Ellul u indirettament eredi ta' Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro nanniet tagħhom," għall-kanonizzazjoni ta' ċertu kreditu li Joseph Coleiro kien jippretendi.

Dottor Ellul, għall-ewwel kien eċċepixxa illi ċ-ċitazzjoni kienet magħmula ħażin peress illi kienet messha ntalbet il-likwidazzjoni d-divizzjoni ta' l-ereditajiet ta' l-awturi tal-konvenuti u għalhekk talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. In segwitu pero hu eċċepixxa ulterjorment illi l-minuri rappresentati minnu kienu għadhom ma aċċettawx l-eredita tal-mejta ommhom u għalhekk Joseph Coleiro ma kellux azzjoni kontra tagħhom u t-talba tiegħu kellha tiġi respinta.

**Il-fatt** imqiegħed għab-bażi ta' din l-aħħar eċċezzjoni, ċioe li l-minuri kienu għad ma aċċettawix l-eredita ta' ommhom bil-benefiċċju ta' l-inventarju, ma ġiex kontestat minn Joseph Coleiro. Dan pero, in vista ta' dak il-fatt, talab biex il-Qorti tinnomina kuraturi biex jirrapreżentaw l-eredita ġaċenti ta' l-imsemmija Mary Ellul f'dik il-kawża u fl-atti l-oħra kollha relativi u sussegwenti.

Fuq dan ir-rikors ta' Joseph Coleiro il-Qorti b'digriet tad-disa u għoxrin (29) ta' Mejju, 1962 ordnat il-ħruġ

*tas-soliti bandi li bihom kellu jiġi notifikat Dr. Ellul: noti-*
**fika li fil-fatt saret fil-ħamsa (5) ta' Gunju, 1962.**

Iżda b'rikors tat-tnax (12) ta' Ġunju, Dottor Ellul talab is-sospensjoni tal-proċeduri għan-nomina tal-kuraturi, prevja okkorendo r-revoka 'contrario imperio' ta' l-imsemmi digriet u li l-kawża tiġi trattata u deċiża. Ir-raġuni li fuqha ġiet bażata dik it-talba kienet illi, d-domanda *għan-nomina ta' kuraturi ta' l-eredita ġjaċenti kienet in* effetto dik li tiġi mibdula l-persuna konvenuta u dan skond il-liġi ma satax isir. Infatti — qal Dr. Ellul —, fiċ-ċitazzjoni, il-konvenuti kienu t-tfal minuri tiegħu u l-mejta Mary Ellul mentri l-eredita ġaċenti ma kienetx fil-kawża u għalhekk ma setgħux jiġu nominati kuraturi biex jirrapprezentawha. Ir-riżultat kien — hu żied jgħid — illi Joseph Coleiro ma kellux azzjoni kontra l-minuri u huma kellhom *jiġu liberati mid-domandi u mhux biss mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Għall-dawk is-sottomissjonijiet ta' Dr. Ellul, Joseph Coleiro irrisponda illi l-azzjoni tiegħu ma kienetx diretta kontra l-minuri 'in nome proprio', imma bħala eredi beneficjati ta' ommhom u dan kien ekwipollenti għal-azzjoni diretta kontra l-istess eredita ta' ommhom.

Il-Qorti b'digriet ta' l-għoxrin (20) ta' Ġunju, 1962 ċaħded l-imsemmija talba ta' Dr. Ellul għar-revoka taddigriet li bih kienet ġiet ordnata l-espedizzjoni tal-bandi iżda r-riżervat li tipprovdi ulterjorment fuq it-talba għan-nomina tal-kuraturi għeluq erbat ijiem mid-data ta' dak id-digriet skond il-liġi.

Intant fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1962 Dr. Ellul ippresenta l-odjerna ċitazzjoni u għalhekk dik il-

Qorti b'digriet tas-seba u għoxrin (27) ta' Ġunju issospendiet in-nomina u irriżervat li tipprovdi dwarha wara li dik iċ-ċitazzjoni tkun ġiet deċiża finalment.

Dan ifisser illi sal-lum stess ebda nomina ta' kuraturi għad ma saret għall-finijiet ta' dik il-kawża l-oħra u l-provvediment relativ għadu jistenna l-eżitu tal-kawża presenti.

B'din il-kawża Dr. Ellul, in sostanza, qed jimpunja l-imsemmi digriet ta' l-ewwel Qorti tad-disa u għoxrin (29) ta' Mejju, 1962 mogħti fil-kawża l-oħra li bih, kif intqal, fuq talba ta' Joseph Coleiro għan-nomina ta' kuraturi ta' l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul, ordnat l-ispedizzjoni tal-bandi u qed jitlob li dik it-talba tiġi miċħuda. Skond il-premessi taċ-ċitazzjoni Dr. Ellul ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq tliet raġunijiet ċioe illi.

(1) f'att ta' ċitazzjoni l-Qorti ma tistax tordna koneżżjonijiet li jibiddlu fis-sostanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni (art. 175 Kap. 15) u għalhekk il-Qorti ma setgħatx fil-kawża l-oħra tissostitwixxi għall-minuri l-eredita ġjaċenti ta' ommhom.

(2) il-Qorti ma għandhiex skond il-liġi il-fakolta li tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw eredita ġjaċenti (art. 928 Kap. 15).

(3) Fi kwalunkwe każ il-Qorti tista biss tinnomina kuraturi 'pendente lite' meta n-nomina tagħhom issir neċessarja wara li tkun bdiet il-kawża (art. 929 (2) Kap. 15) u mhux meta din in-neċessita kienet teżisti ġa qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.

Dan kien it-terren li fuqu l-kwistjoni ġiet dibattuta u deċiża in prim' istanza. Iżda fl-appell il-kwistjoni legali

ġiet impostata xi ftit diversament jew, ad ogni modo, amplijata u kjarita mill-punto di vista ta' l-appellant. It-teżi prinċipali tiegħu issa hi illi l-Qorti fil-kawża l-oħra ma setgħatx skond il-liġi tippermetti t-talba għan-nomina ta' kuraturi ta' l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul u tordna l-ħruġ tal-bandi relativi kif issemma aktar il-fuq. Ir-raġuni fis-sottomissjoni ta' l-appellanti hija illi, skond l-artikolu 928 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, hemm lok, fil-każ ta' eredita ġjaċenti, għan-nomina ta' kuraturi biex jidhru f'kawża fil-każ biss illi n-nomina tagħhom hi meħtieġa fl-interess ta' persuni inċerti jew futuri msejħa għal dik l-eredita jekk din ma hix legalment rappresentata minn xi ħadd ieħor. Inveċe fil-każ presenti il-persuni kjamati għall-eredita intestata ta' Mary Ellul huma, — u dan kien magħruf minn Joseph Coleiro — iż-żewġ uliedha minuri fuq imsemmija: dawn għalhekk ma humiex la persuni "inċerti", ċioe mhux magħrufa, u l-anqas "futuri" bħal per esempju naxituri. Inoltre anqas jista jingħad illi l-eredita ta' Mary Ellul "mhix rappresentata ġa minn xi ħadd." Infatti il-każ hu regolat mill-artikolu 927(2) tal-Kodiċi Ċivili skond liema artikolu il-kjamat għall-eredita hu, fiż-żmien mogħti għall-inventarju u biex jiddelibera, ir-rappreżentant legali ta' l-istess eredita u il-Qorti ma tistax tinnomina, kuratur ieħor tagħha ħlief fil-każ biss illi hu jonqos li jidher.

Fuq il-kwistjoni issa hekk formulata il-Qorti ikkunsidrat:—

L-artikolu 928 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, sa fejn hu rilevanti għall-każ presenti jiddisponi illi —

"Barra mill-każijiet li fihom l-istess Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-Qorti tista wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu proċe-

duri fil-Qrati Superjuri . . .

(a) fl-interess ta' . . . persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa . . . għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skond il-liġi jew ta' persuni li l-quddiem jistgħu jiġu msejħa għall . . . wirt."

Fit-test Taljan korrispondenti (art. 945 Vol. VII ta' l-1868) kien jingħad li kien ikunn hemm lok għad-deputat ta' kuraturi, biex isostnu u jiddefendu l-kawża, meta l-kawża tkun "con persone **incerte** o future chiamate . . . ad un'eredita giacente **non rappresentata da alcuno.**"

L-ewwel Onorabbli Qorti osservat bil-verita u l-appellat ukoll issottometta lil din il-Qorti fit-trattazzjoni ta' l-appell illi fil-prattika ġie li, forsi anki ta' spiss, ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw eredita ġjaċenti f'kawża, taħt din id-disposizzjoni, f'każijiet li fihom il-kondizzjonijiet imsemmijin fiha ma kienux jirrikorru. Iżda dan il-fatt, għalkemm veru, ma jiddispensax lill-Qorti, issa li l-kwistjoni ġiet formalment sollevata, milli teżaminaha fid-dawl tal-liġi u tas-sottomissjonijiet imressqin mill-appellant.

Issa il-kliem ċar ta' l-imsemmijin disposizzjoni ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, jiġi interpretat diversament minn dak li jgħid espressament. Biha mhix mogħtija il-fakolta lill-Qorti li tinnomina kuraturi ta' eredita ġjaċenti in ġenerali: iżda hi biss mogħtija lill-Qorti il-fakolta li tinnomina kuraturi biex jikkontestaw kawża fl-interess ta' persuni **inċerti jew futuri imsejħa** għall-eredita ġjaċenti. Oltre dan biex taħt **din** id-disposizzjoni jistgħu jiġu nominati kuraturi jinħtieġ illi l-eredita ġjaċenti ma tkunx ġa skond il-liġi rappresentata minn xi ħadd ieħor.

Il-fakulta tan-nomina ta' kuraturi in ġenerali għal

eredita ġjaċenti hi, inveċe mogħtija lill-artikolu 944 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid illi,

> "wirt sa kemm ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u fuq talba ta' kull min għandu interess il-Qorti taħtar kuratur kif jingħad fil-kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

Ir-riferenza għall-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili hi, evidentement riferenza tant għall-artikolu 510 et seq tiegħu li jirriferixxu għan-nomina ta' kuratur ta' eredita ġjaċent mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, kemm għall-artikolu 928 ġa fuq imsemmi li jirriferixxi għan-nomina ta kuratur maħtur għall-finijiet ta' proċeduri kontenzjusi.

Iżda l-imsemmi artikolu 944 tal-Kodiċi Ċivili li, kif int qal, jikkontempla in-nomina ta' kuraturi ta' eredita ġjaċenti in ġenerali, fil-kliem tiegħu stess, jiddisponi bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 927 ta' l-istess Kodiċi Issa dan l-aħħar artikolu jgħid illi

> (1) Ma tul iż-żmienijiet mogħtija biex isir l-inventarju u biex dak li jkun jaħsibha jekk jaċċettax jew le, l-imsejjaħ għall-wirt mhux obbligat li jieħu l-kwalita ta' werriet.
>
> (2) **Iżda huwa jitqies kuratur de jure tal-wirt u, f'din il-kwalita jista jiġi msejjaħ f'kawża biex jidher għall-wirt u biex iwieġeb għat-talbiet li jinġiebu kontra l-wirt.**
>
> (3) **Kemm il-darba hu ma jidherx, il-Qorti taħtar kuratur biex jidher għall-wirt fil-kawża.**

Dan l-artikolu tal-liġi tagħna hu identiku, ħlief għal xi differenzi verbali żgħar irrilevanti, għall-artikolu 964 tal-Kodiċi Taljan ta' 1865 li kien jgħid:

"Durante i termini concessi per fare l'inventario e per deliberare, colui che e chiamato alla successioni non e tenuto ad assumere la qualita di erede. Egli e pero considerato curatore di diritto dell'eredita, ed in tale qualita puo essere chiamato in giudizo per rappresentarla e rispondere alle istanze contro la medesima proposte. Ove non compaia, l'-autorita giudiziaria nominera un curatore all'eredita perche la rappresenti in tale giudizio."

B'dan l-artikolu, jgħid il-Borsari, "primieramente si è definto il rapporto del successibile coll'eredita in tale stato di cose; e si è detto essere quello del **curatore di diritto. Egli adunque, non ancora erede, e il vero e legittimo rappresentante dell'eredita.**" It-teżi li għandhom jew jidhrilhom li għandhom drittijiet eżerċibbli kontra l-eredita f'dan iż-żmien "sanno di avere nel curatore dell'eredita **il loro legittimo contradittore contro il quale possono dirigere la loro azioni**" (Commentario del Cod. Civ. Ital. Vol. 3 Pt. II art. 964-965 § 2073).

Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana dan jgħodd ukoll għall-minuri msejħin għall-eredita. Huma wkoll, fil-persuna tar-rappresentant leġittimu tagħhom, jitqiesu kuraturi "de jure" ta' l-eredita, u għalihom, kwantu għaż-żmien biex jagħmlu l-inventarju u biex jiddeliberaw, jgħodd l-artikolu 928 tal-Kodiċi Ċivili li bis-saħħa tiegħu huma ma jiddekadux mill-benefiċċju ta' l-inventarju ħlief wara sena minn meta jsiru ta' l-eta, kemm il-darba ma tul dak iż-żmien huma ma jkunux osservaw id-disposizjonijiet ta' l-artikoli preċedenti. "In questa qualita" — cioe dik ta' kuraturi de jure ta' l-eredita — "deve essere chiamato anco il minore o l'interdetto nella persona del loro legale rappresentante" (Pacifici-Mazzone. "Cod. Civ. Ital." Ed. 1876 Vol. V. p. 13).

Din ir-rappresentanza 'de jure' ta' l-eredita hi ċertament fakolta għas-suċċessibili fis-sens illi hija dritt mogħtı lilu u mhux obbligu impost fuqu: "la cura . . . pero non e per esso obbligatoria, come manifestamente risulta dal contesto dell' articolo 964 capoverso, sia perchè la legge lo considera tale, sia perche non gl'impone l'obbligo della cura, sia in fine perche non lo dichiara responsabile di cosa alcuna, ove non compaia nel giudizio promosso contro l'-eredita" (Pacifici-Mazzoni, loc. cit.). Iżda m'hijiex fakolta għat-terzi li jridu jaġixxu kontra l-eredita jew anki għall-Qorti fis-sens li huma jistgħu jinjorawh jew jinnominaw kontradditur jew kuratur ieħor ħlief fil-każ kontemplat fl-istess artikolu, ċioe illi hu ma jidherx. Il-kliem "non compaia" ġew interpretati mid-dottrina fis-sens illi s-suċċessibili, ċitat bħala kuratur 'de jure', "si renda contumace" (ara Borsari loc. cit. nota (1) ).

Issa, kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza, fil-kawża l-oħra it-tfal minuri ta' Mary Ellul, fil-persuna ta' missierhom, ġew konvenuti fil-kwalita tagħhom ta' eredi benefiċjati tagħha, fuq il-presuppost errat illi huma ċioe missierhom għalihom kienu ġa aċċettaw l-eredita bil-benefiċju ta l-inventarju. Meta dan l-iżball ġie skopert, in segwitu għall-eċċezzjoni ta' Dr. Ellul, Joseph Coleiro, attur f'dik il-kawża naturalment irrikonoxxa illi l-kawża ma setgħatx tipproċedi jew tirnexxi fil-kontestazzjoni tagħhom f'dik il-kwalita. Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana jidher illi l-konsegwenza ta' dan l-iżball hija l-irritwalita tal-kawża. Fil-bran ġa fuq ċitat, il-Pacifici-Mazzoni jgħid illi anki l-minuri kjamat għall-eredita, fil-persuna ta' missieru, għandu jiġi ċitat bħala kuratur de jure "tanto che" — ikompli jgħid — "sarebbe illegittima la domanda personalmente proposta contro i medesmi. Percio sarebbe legalmente dichiarato dal giudice, non farsi luogo a deliberare

sopra domanda diretta contro gli eredi del debitore in tal nome anziche come curatori della eredita" (ibid.). u hekk jidher li ġie ripetutament ritenut mill-Qrati Taljani: "L'erede minore di eta, pendente il termine concesso per fare l'inventario, non puo essere azionato in giudizio in persona del suo legittimo rappresentante se non quale curatore della eredita: ed illegale sarebbe l'istanza promossa personalmente contro di lui quale beneficiato" (Fadda art. 964 § 121: ara wkoll 8, 10, 11, 12).

Il-Qorti, anki wara li żammet firmament quddiem għajnejha dak li qalet fis-sentenza tagħha preċedenti f'din il-kawża, fis-sens illi l-atti kemm jista jkun għandhom salvati anzikke annullati ma tħossx li tista tirritjeni fid-dawl ta' dak kollu li ġie fuq espost illi l-imsemmi difett oriġinali fil-kawża l-oħra sata jiġi rimedjat bin-nomina ta' kuratori mill-Qorti biex jissostitwixxu lill-minuri bħala konvenuti, in rappresentanza ta' l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul.

Talvolta jekk sostituzzjoni ta' din ix-xorta, bil-konsegwenti korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni kienet tista ssir bis-saħħa ta' l-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, it-talba ma setgħatx tkun fl-ewwel lok għan-nomina ta' kuraturi mill-Qorti iżda għas-sostituzzjoni tal-kwalita li fiha l-minuri kienu ġew ċitati bħala eredi benefiċjati f'dik tagħhom stess rappresentati minn missierhom, bħala kuraturi 'de jure' ta' l-eredita ta' ommhom. Iżda din it-talba ma saretx u il-kwistjoni f'dawk it-termini m'hijix issa f'din il-kawża, quddiem din il-Qorti.

Għall-proċedura għan-nomina ta' kuraturi mill-Qorti kien ikun hemm lok fil-każ biss illi l-minuri ċitati jew, talvolta, sostitwiti fil-kawża l-oħra f'din il-kwalita kienu jibq-

għu kontumaċi.

Din il-Qorti għad i li ħasbet fit-tul, ma jidhrilhiex illı n-notifika tal-bandi lill Dr. Ellul setgħat tissupplixxi għal dak in-nuqqas. Kif ġa ntqal ir-rapprezentanza ta' l-eredita mill-minuri bħala kuraturi ta' l-eredita kienet, skond il-liġi, tmiss lilhom bi dritt sa kemm huma stess ma jiddeklinawhiex billi jibqgħu kontumaċi għaċ-ċitazzjoni. In-notifika kienet timporta biss illi Dr. Ellul sata kieku deher fuqha, jekk il-Qorti kien ikun hekk jdhrilha, jiġi konfermat bħala kuratur. Hu ma deherx għal dik in-notifika: iżda il-Qorti ma tħossx li tista tirritjeni li b'daqshekk jista jingħad għall-finijiet ta' l-liġi illi hu, bħala rappresentat leġittimu ta' uliedu u dawn bħala kuraturi 'de jure' ta' l-eredita ġjaċenti ta' ommhom baqgħu kontumaċi.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appel u tħassar is-sentenza appellata u f's-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa t-talbiet ta' l-appellant fis-sens li tiddikjara illi 'rebus sic stantibus' ma kienx hemm lok fil-kawża l-oħra għall-proċedura għan-nomina ta' kuraturi mill-Qorti biex jirrappresentaw lill-ereditá ġjaċenti ta' Mary Ellul u kwindi ma kienx hemm lok, f'dak l-istat għat-talba relativa ta' Joseph Coleiro u għad-digriet ta' l-ewwel Qorti għall-ħruġ tal-bandi.

L-ispejjeż, minħabba x-xorta tal-kwistjoni u anki minħabba illi kien biss fl-appell illi l-kwistjoni ġiet mill-appellant impostata fit-termini korretti tagħha jibqgħu kollha bla taxxa ħlief id-dritt ta' Registru li jħallsu l-appellat.